**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 40** **02 ta' Mejju, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar is-Sibt 02 ta' Mejja fit-12:00 (nofsinhar).

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Reno Buġeja | - | Kunsillier |
| Matthew Buġeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Vanessa Galea - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **40.1** | **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija** |
| 40.1.1 | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | |
| **40.2** | **Diskussjoni u Deċiżjoni dwar il-Pubblikazzjoni tat-Tender ta' Servizzi ta' Trasport bejn Marsaxlokk u Delimara** |
| 40.2.1 | Matul din il-laqgħa kienet preżenti l-avukata li qed tieħu ħsieb dan it-tender. Is-Sindku ta l-permess sabiex hija tispjega l-istat attwali tal-proċess tat-tender, kif ukoll l-emendi li saru u l-laqgħat li kellha ma' Transport Malta dwar l-aspetti legali relatati.<br><br>L-avukata spjegat li inizjalment it-tender kien ġie mfassal bħala draft u sussegwentement kellha laqgħa mal-konsulent u mas-Sindku sabiex tiġi riveduta l-aħħar verżjoni tad-dokument. Hija żiedet tgħid li f'April saret preżentazzjoni mill-konsulent dwar dan it-tender lil istess kunsill.<br><br>Ġie spjegat li t-tender tal-consession jirrikjedi emenda fil-leġiżlazzjoni minħabba l-istops marittimi kif ukoll dawk fuq l-art. Fit-tender li ser joħroġ il-kunsill hemm stipulat li, ladarba jingħata t-tender, il-Y plates ġewwa Delimara ma jibqgħux jitħallew joperaw. Din il-miżura trid tidħol fis-seħħ permezz ta' proċess leġiżlattiv adegwat.<br><br>L-avukata qalet li eżaminat jekk il-kunsill setax jadotta by-law, iżda rriżulta li l-kunsill ma għandux is-setgħa legali biex jagħmel dan, peress li l-kompetenza tiegħu tieqaf fejn jidħlu kwistjonijiet ta' infrastruttura. Madankollu, il-kunsill jista' jagħmel proposta lill-entità kompetenti, f'dan il-każ Transport Malta.<br><br>Sabiex il-proċess jimxi 'l quddiem, l-avukata spjegat li flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv saret laqgħa mal-avukat ta' Transport Malta. Wara din il-laqgħa kien hemm ukoll korrispondenza bejn iż-żewġ naħat.<br><br>L-avukata spjegat li minn naħa ta' Transport Malta ma kienx hemm qbil li tinħoloq leġiżlazzjoni speċifika biss għal Delimara. Għaldaqstant, ġie diskuss li l-emenda proposta fil-liġi għandha tkun waħda ġenerika u applikabbli b'mod aktar wiesa'. Hija żiedet tgħid li l-avukata ta' Transport Malta kienet qed tirrevedi l-abbozz tal-liġi ppreżentat mill-avukata tal-kunsill sabiex dan jiġi adattat għal dan il-għan.<br><br>Ġie spjegat ukoll li permezz ta' leġiżlazzjoni sussidjarja, il-Ministeru jkun jista' joħroġ policies u guidelines, kif ukoll jagħti delegazzjoni fejn meħtieġ, sabiex il-proċess tat-tender ma jibqax jiddependi kompletament fuq l-approvazzjoni tal-liġi prinċipali. |

| | |
|---|---|
| | L-avukata tal-kunsill qablet ma' dan l-approċċ. Ġie spjegat ukoll li l-avukata ta' Transport Malta kienet ser tikkonsulta mas-CEO tagħha, iżda sal-ġurnata tal-laqgħa kienet għadha ma waslet ebda risposta uffiċjali.<br><br>Minn naħa tal-kunsill ġie nnutat li legalment ma kienx hemm aktar passi li setgħu jittieħdu. Għalhekk l-avukata sostniet li t-tender xorta jista' jimxi għall-pubblikazzjoni, peress li Transport Malta diġà kkommettiet ruħha li taħdem fuq il-leġiżlazzjoni meħtieġa. Hija semmiet ukoll li hemm biżżejjed korrispondenza bil-miktub dwar il-liġi sussidjarja, kif ukoll il-concession agreement relatat.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li, minkejja li l-avukata tal-kunsill bagħtet il-korrispondenza lil Transport Malta, sa dak il-ħin ma kienet waslet ebda risposta uffiċjali bil-miktub sabiex il-kunsill ikun jista' jipproċedi.<br><br>L-avukata sostniet li ma kienx hemm il-ħtieġa ta' "go ahead" formali minn Transport Malta, peress li l-impenn tagħhom kien diġà evidenti. Hija spjegat li, billi t-tender ser joħroġ mill-kunsill, l-unika approvazzjoni meħtieġa hija dik mid-Department of Contracts (DOC). Għaldaqstant, it-tender jista' jiġi ppubblikat mingħajr approvazzjoni diretta minn Transport Malta, għalkemm risposta mingħandhom kienet tagħti aktar ċertezza lill-kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja qal li jekk il-kunsill jibqa' jistenna l-leġiżlazzjoni, il-pubblikazzjoni tat-tender kienet ser tittardja. Huwa żied jgħid li, apparti ż-żmien meħtieġ għall-proċess tat-tender innifsu sabiex jingħalaq, l-operatur li jingħata t-tender xorta waħda jkollu bżonn perjodu addizzjonali sabiex jakkwista l-vetturi meħtieġa u jibda jopera. Għaldaqstant, sostna li jekk il-kunsill jibqa' jistenna l-leġiżlazzjoni qabel joħroġ it-tender, il-proġett kollu kien ser jieħu ħafna aktar żmien sabiex jiġi implimentat. Huwa għalhekk issuġġerixxa li l-proċess leġiżlattiv jibqa' għaddej parallelament waqt li l-kunsill jagħmel emendi żgħar fit-tender u jinħareġ għall-pubblikazzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa qal li l-kunsill għandu jieħu r-responsabbiltà u jipproċedi bit-tender sakemm kollox ikun konformi mal-proċeduri meħtieġa. Huwa staqsa wkoll x'kien qed iżomm lura l-pubblikazzjoni tat-tender, peress li huwa kien irċieva indikazzjoni verbali li seta' joħroġ. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ma kien hemm xejn bil-miktub.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja żied jgħid li jekk Transport Malta ma toħroġx il-leġiżlazzjoni meħtieġa, it-tender ma jingħatax sakemm il-proċess leġiżlattiv jidħol fis-seħħ. Huwa żied jgħid ukoll li, jekk il-liġi ma toħroġx, il-kunsill ikun jista' jwaqqaf it-tender.<br><br>L-avukata ssuġġeriet li tiddaħħal klawżola fid-dokument tat-tender li tgħid li dan ikun "subject to the approval of Transport Malta". Il-Viċi Sindku qablet ma' din il-proposta.<br><br>L-avukata qalet ukoll li kien għad hemm xi formoli neqsin u li kienet ser tikkuntattja lill-konsulent sabiex dawn jittellgħu fis-shared folder. |

| | |
|---|---|
| | Fl-aħħar tal-laqgħa, is-Sindku staqsa lill-kunsilliera jekk it-tender kellux jinħareġ immedjatament jew inkella jistennew approvazzjoni bil-miktub minn Transport Malta. Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu sabiex it-tender jinħareġ bil-kundizzjoni li tiddaħħal il-klawżola msemmija, sabiex il-kunsill ma jerfax responsabbiltà fil-każ li Transport Malta twaqqaf jew ma tapprovax il-leġiżlazzjoni fil-futur. Ġie maqbul ukoll li, f'każ ta' nuqqas ta' din il-leġiżlazzjoni, il-kunsill ikun jista' jwaqqaf it-tender fi kwalunkwe stadju tal-proċess. |
| | |
| **40.3** | **Tmiem tal-Laqgħa** |
| 40.3.1 | Il-laqgħa intemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 08 ta' Gunju, 2026.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Vanessa Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

________________________

***Sekondant***